MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 591/2011

**Atlas Insurance PCC Limited (C5601) f'isimha propju u**
**kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha P. Cutajar & Co. Ltd.**
**abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi.**

**vs**

**GMC Transport Company Limited u**
**S&T Services Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici ddikjarat illi s-socjeta' P. Cutajar & Co. Ltd. inkarigat lis-socjeta' intimata GMC Transport Company Limited sabiex tittrasporta merkanzija lejn Malta, liema merkanzija waslet Malta fis-26 ta' Lulju 2010 permezz tal-Eurocargo Genoa u meta tali merkanzija giet ikkonsenjata minn S&T Services

Limited lil P. Cutajar & Co. Ltd. in parti fit-28 ta’ Lulju 2010 u in parti fl-4 ta’ Awissu 2010, rrizulta li parti mill-merkanzija kienet danneggjata, ghal liema danni huma responsabbli l-intimati jew min minnhom. Peress illi ai termini tal-polza ta’ assikurazzjoni relattiva s-socjeta’ rikorrenti hallset lill-assigurata taghha P. Cutajar & Co. Ltd. is-somma ta’ €632.61c u ghalhekk hija giet surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha u s-somma ta’ €90 hija dovuta lis-socjeta’ rikorrenti rapprezentanti spejjez amministrattivi. Peress illi s-socjetajiet intimati jew min minnhom huma debituri tas-socjeta’ rikorrenti fis-somma globali ta’ seba’ mija, tnejn u ghoxrin euro, wiehed u sittin centezmu (€722.61c), kif fuq premess.

Bl-imghax legali mill-10 ta’ Settembru 2010 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha kontra s-socjetajiet intimati jew min minnhom, li minn issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Ra r-risposta tas-socjetajiet konvenuti, li permezz taghha eccepew illi in kwantu diretti kontra l-eccipjenti GMC Transport Company Limited u S & T Services Limited, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fil-ligi u ghandha tigi michuda bl-ispejjez. F’kull kaz, l-eccipjenti GMC Transport Company Limited u S & T Services Limited ma jahtu bl-ebda mod ghall-hsarat allegatament kagunati lill-merkanzija in kwistjoni u ma ghandhom ebda responsabilita’ ghar-rigward tal-istess.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Ra n-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet kontendenti.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ attrici, inkarigat mis-sezzjoni tal-*marine cargo claims* fi hdan is-socjeta’ attrici ddikjara illi s-socjeta’ P. Cutajar & Co. Ltd. kienet assikurata mas-socjeta’ attrici in rigward konsenja ta’ inbid. Illi tali merkanzija kellha titlaq minn Petersbach fi Franza u tigi kkonsenjata fl-imhazen tas-socjeta’ kummercjali msemmija, li jinsabu gewwa

l-Mriehel. Illi l-assigurata tas-socjeta' attrici nkarigat is-servizzi tas-socjeta' konvenuta GMC Transport Company Limited sabiex tigi mwettqa tali trasportazzjoni u konsenja tal-merkanzija. Illi l-konsenja tal-merkanzija saret mis-socjeta' konvenuta S&T Services Limited, u dan permezz ta' zewg konsenji li saru fit-28 ta' Lulju 2010 u 4 ta' Awissu 2010, u dan kif jirrizulta mid-*delivery notes* relattivi (a fol.22 tal-atti), u aktar precizament minn annotament li hemm fuq iz-zewg *delivery* notes, fiz-zewg konsenji kien hemm merkanzija li kienet danneggjata. Illi ghalhekk l-assigurata tas-socjeta' attrici ressqet claim, liema claim gie onorat mis-socjeta' attrici li hallset lill-assigurata taghha s-somma ta' sitt mija, tnejn u tletin euro, wiehed u sittin centezmu (€632.61c), u wara li wettqet il-hlas u l-assigurata ffirmat is-*subrogation form* relattiva (a fol.29 tal-atti), is-socjeta' attrici bghatet zewg ittri interpellatorji – datati 25 ta' Frar 2011 u 30 ta' Mejju 2011 rispettivament – lis-socjetajiet konvenuti, li permezz taghhom gew interpellati sabiex iwettqu l-hlas tas-somma msemmija, oltre disghin Euro (€90.00) spejjez amministrattivi. Illi in segwitu ghal tali ittri, rapprezentant tas-socjeta' konvenuta kien ikkomunika telefonikament mar-rapprezentant tas-socjeta' attrici, u ghalkemm saret diskussjoni bejniethom sabiex possibilment jintlahaq ftehim, dan ma sehhx. Illi l-istess rapprezentant iddikjara li ghalkemm wettaq spezzjoni ta' din il-merkanzija danneggjata, in kwantu kien mar personalment fl-imhazen tal-assigurata taghhom sabiex jivverifika l-hsara, madanakollu, ma giex imwettaq survey u lanqas ma sar minnu ghadd specifiku tal-merkanzija li kienet danneggjata. Illi l-istess rapprezentant iddikjara illi l-merkanzija kienet danneggjata in kwantu uhud mill-flixken tal-inbid kellhom it-tapp, ossia *cork*, minsus filwaqt illi ohrajn kellhom il-*label* imxarrba, u ghalhekk ma kienux *saleable*. Qal ukoll illi dawk il-flixken li nkisru ma rahomx, ghaliex l-assigurata kienet 'gia warrbithom. Illi dwar dawk il-flixken li kienu danneggjati, is-socjeta' attrici hadithom fil-mahzen taghha, u hadet total ta' tliett mitt (300) flixkun. Illi dawn il-flixken eventwalment gew imqassma bejn l-*staff* tas-socjeta' attrici.

Illi l-*financial controller* fi hdan is-socjeta' P Cutajar & Co. Ltd., assigurata mas-socjeta' attrici, kkonferma illi l-merkanzija kienet assigurata mal-istess socjeta' attrici, u kkonferma wkoll illi l-merkanzija kellha tigi trasportata mis-socjeta' konvenuta GMC Transport Company Limited. Illi l-istess xhud ikkonferma li hu ffirma s-*subrogation form* ghan-nom tas-socjeta' assigurata.

Illi l-*assistant store keeper* mas-socjeta' P Cutajar & Co Ltd li rcieva l-merkanzija minghand il-burdnar iddikjara illi hu kien prezenti meta tali merkanzija kienet qed tinhatt fl-

imhazen taghhom, u meta ra l-hsara li garrbet il-merkanzija, hu gharraf minnufih lis-superjuri tieghu dwar dan. Illi l-istess xhud iddikjara li nnota li l-merkanzija kienet imxarrba, u meta staqsa lil burdnar dwar x'seta' kien gara, dan avzah illi l-merkanzija kienet waslet f'dak l-istat. Iddikjara illi bhala parti mill-procedura li permezz taghha jilqa' l-konsenja, hu solitament jiffirma fuq id-*delivery note* li jkun gab il-burdnar; madanakollu, f'dan il-kaz ma ghamilx hekk, minhabba li kien hemm tali hsara. L-annotamenti li hemm fuq id-dokumenti relattivi, dwar il-pallets danneggjati, ma sarux minnu. Iddikjara illi meta l-burdnar fetah il-container fil-presenza tieghu, il-merkanzija kienet ghadha mpakkettata fix-*shrink wrap*; madanakollu nnota mminufih, meta l-merkanzija nhattet bil-*forklifter* minn gewwa il-container, illi din kienet imxarrba.

Illi s-*shipping administration clerk* impjegat fi hdan is-socjeta' P Cutajar Co. Ltd. iddikjara illi l-konsenja tal-merkanzija in kwistjoni kellha tasal f'lott wiehed, madanakollu nqasmet fi tnejn. Illi huma ma gewx avzati dwar dan, u saru jafu biss meta saret il-konsenja; illi d-decizjoni ttiehdet mix-*shipping agent*, u cioe' s-socjeta' konvenuta. Illi ddikjara li meta waslet l-ewwel konsenja fl-imhazen taghhom, hu ra l-merkanzija danneggjata, ghaliex gie msejjah mill-istorekeeper sabiex imur jaraha. Illi dik il-merkanzija li kienet danneggjata, li kienet tammonta ghal madwar erba' mija u hamsin (450) flixkun tal-inbid, ttiehdu r-ritratti taghha, u peress li kienet *not saleable*, allura giet skartata. Illi ddikjara li l-annotamenti li hemm fuq id-*delivery note* dwar il-hsara ma jafx min ghamilhom, madanakollu, kien cert li ma sarux minn persuni impjegati fi hdan is-socjeta' assigurata, u li kien ferm probabbli li saru mill-burdnar. Iddikjara wkoll li ghalkemm kien hemm merkanzija li x-*shrink wrap* taghha kienet ghadha intatta, madanakollu, l-merkanzija kienet ixxarbet minn gewwa, u ghalhekk gew danneggjati wkoll il-kaxxi, u l-flixken ta' nbid kellhom jigu mibjugha bhala *singles*. Illi x-xoghol ta' dan l-impjegat kien illi jghamel l-entries fis-sistema komputerizzata dwar il-merkanzija li giet ikkonsenjata li setghet tigi mibjugha.

Illi xehdu ulterjorment persuni ohra impjegati fi hdan is-socjeta' P Cutajar Co Ltd li lkoll iddikjaraw illi raw il-merkanzija danneggjata meta din giet ikkonsenjata mis-socjeta' konvenuta fil-mahzen taghhom, u ddikjaraw ukoll illi l-annotament rizultanti mid-*delivery notes* dwar il-merkanzija danneggjata ma sarux minnhom.

Illi r-rapprezentant, ossia direttur, fi hdan is-socjeta' konvenuta GMC Transport Co Ltd iddikjara illi r-relazzjoni kummercjali bejn is-socjeta' rapprezentata minnu u P Cutajar

Co Ltd kienet ilha ghaddejja ghal madwar erba’ (4) snin, u kkonferma illi s-socjeta’ rapprezentata minnu kienet giet inkarigata mill-assigurata tas-socjeta’ attrici sabiex tiehu hsieb it-trasport u konsenja tal-merkanzija mertu ta’ din il-kawza. Illi l-konsenja kenet tikkonsisti f’erbgha u ghoxrin (24) pallet bil-kaxxi tal-inbid, u li tali merkanzija telqet minn Petersbach lejn Genova, u imbaghad kellha tasal bil-bahar minn Genova sa Malta. Illi ddikjara li wara li l-merkanzija ngabret mill-fornitur fi Franza, din ittiehdet bil-container sal-imhazen tal-agent tas-socjeta’ konvenuta fi Strasbourg, fejn il-konsenja inqasmet fi tnejn, u cioe’ wahda ta’ ghaxar (10) *floor spaces* – li hija l-konsenja li waslet Malta fit-28 ta’ Lulju 2010 – u ohra ta’ tnax (12)-il *floor space* – li hija l-konsenja li waslet Malta fl-4 ta’ Awissu 2010. Illi l-merkanzija ngarret bit-trailer sal-Italja, fejn imbaghad infetah it-trailer sabiex il-burdnar ikompli jghabbi, peress illi l-konsenja kienet ser tkun permezz ta’ *groupage*. Illi kien f’dan l-istadju illi x-xufier innota illi kien hemm xi pallett li kien ikkollassa, tant illi kien hemm xi flixken li nkisru. Illi gewipprezentati wkoll serje ta’ ritratti li ttiehdu mill-istess xufier u li gew ikkonsenjati lill-agent gewwa l-Italja, u li ntbaghtu lis-socjeta’ konvenuta. Illi d-direttur tas-socjeta’ konvenuta jsostni illi din il-konsenja ntbaghtet permezz ta’ zewg lottijiet in bazi ta’ ftehim li ntlahaq mad-direttur tas-socjeta’ P Cutajar Co Ltd, u dan sabiex jigu minimizzati l-ispejjez tat-trasport; illi ddikjara wkoll illi tali ftehim kien wiehed verbali, u kien ntlahaq ma’ Paul Cutajar ftit taz-zmien qabel ma sehh l-akkadut, mertu ta’ din l-azzjoni. Illi l-istess direttur iddikjara li minn verifiki li ghamel, irrizulta illi l-merkanzija nhattet meta waslet Strasbourg, u kien f’dak l-istadju illi giet maqsuma f’zewg lotts; madanakollu, din il-merkanzija ma reghhetx inhattet bejn Strasbourg u l-Italja. Illi ddikjara wkoll illi peress illi l-merkanzija waslet hawn Malta fi *groupage*, allura necessarjament trid tittiehed fil-*bonded warehouses* taghhom, izda mhux necessarjament tinhatt; jiddependi kif tkun inhaznet fit-trailer.

Ikkunsidra,

Illi permezz ta’ din l-azzjoni s-socjeta’ attrici li, in segwitu ghal claim li sar mill-assigurata taghha s-socjeta’ P Cutajar Company Limited in bazi ta’ polza ta’ assigurazzjoni tat-tip *marine cargo insurance*, giet surrogata fid-drittijiet tal-istess assigurata taghha, qed titlob hlas minghand is-socjetajiet konvenuti tas-somma ta’ seba’ mija, tnejn u ghoxrin euro, wiehed u sittin centezmu (€722.61c), liema ammont jirraprezenta s-somma ta’ sitt mija tnejn u tletin euro u wiehed u sittin centezmu (€632.61c) li thallset lill-assigurata taghha, oltre disghin euro (€90.00) spejjez amministrattivi. Illi tali ammont jirraprezenta l-valur, jew ahjar

rizarciment mis-socjeta' attrici lil dik assigurata maghha ghal erba' mija sebgha u ghoxrin (427) flixkun inbid li gew danneggjati u li ma kienux aktar *saleable* (vide *claim form* li saret minn P Cutajar Co Ltd datata 10 ta' Awissu 2010, a fol.61 tal-atti).

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet irrizulta illi s-socjeta' konvenuta GMC Transport Company Limited giet inkarigata mis-socjeta' P Cutajar Co Ltd sabiex tigbor, tittrasporta u tikkonsenja merkanzija, konsistenti f'kaxxi tal-inbid, li kellha tigi migbura minn Petersbach u finalment ikkonsenjata gewwa l-imhazen taghha fl-Mriehel. Illi tali konsenja kienet tikkonsisti fi tnejn u ghoxrin (22) pallett bil-kaxxi tal-inbid, li rrizulta li giet ikkonsenjata lill-assigurata tas-socjeta' attrici permezz ta' zewg konsenji, u cioe' wahda fit-28 ta' Lulju 2010 u l-ohra fl-4 ta' Awissu 2010. Illi rrizulta illi fiz-zewg konsenji ta' merkanzija kien hemm uhud mill-kaxxi u flixken tal-inbid li kienu danneggjati, bil-konsegwenza illi tali merkanzija kellha tigi skartata.

Illi mill-provi li gew imressqa mill-partijiet irrizulta illi tali konsenja nqasmet waqt it-traggitt taghha lejn Malta, u aktar specifikament fi Strasbourg, fejn tnax (12)-il pallet nhattu u tpoggew fl-imhazen tal-agent tas-socjeta' GMC Transport Company Limited li gew ikkonsenjati gimgha wara. Illi tali spezzament tal-konsenja sar fuq struzzjonijiet li tat is-socjeta' konvenuta GMC Transport Company Limited lill-agent taghha, u dan kif jirrizulta minn dokument li jinsab a fol. 94 tal-atti, datat 22 ta' Lulju 2010.

Illi s-socjeta' attrici qed tibbaza l-azzjoni taghha fuq il-principji rizultanti mis-CMR Convention, li s-socjeta' konvenuta *qua* trasportatur inkarigat mill-assigurat taghha, P Cutajar Co Ltd, kellha obbligu li taccerta illi l-merkanzija tigi kkonsenjata lid-destinatarju fi stat ta' tajjeb, u li ma tistax tezonera ruhha mir-responsabilita' ghall-hsara li tkun irrizultat f'tali merkanzija minhabba nuqqasijiet attribwibbli lill-agenti taghha.

Illi s-socjetajiet konvenuti jikkontendu illi ma rrizulta ebda nuqqas attribwibbli lilhom f'dak li jirrigwarda t-trasport tal-merkanzija, u li anzi, l-pallet li ggarraf huwa konsegwenza ta' decizjoni zbaljata li ttiehdet mid-destinatarju li tali merkanzija ghandha tigi stivata fuq it-trailers f'gholi akbar minn dak rakkomandabbli, oltre illi tali konsenja giet maqsuma fi tnejn bi qbil mad-direttur tas-socjeta' P Cutajar Co Ltd sabiex jigu minimizzati l-ispejjez. Illi ghalhekk is-socjetajiet konvenuti ma naqsu bl-ebda mod fit-twettiq tal-inkarigu mghoti lilhom, u li kwalunkwe hsara li rrizultat fil-merkanzija hija konsegwenza ta' nuqqasijiet

mhux attribwibbli lilhom. Illi oltre dan, jikkontendu illi gialadarba ma sarx survey tal-hsara li grat lill-merkanzija, u ghalhekk ma hemmx certezza dwar x'seta' wassal ghal din il-hsara li rrizultat f'tali merkanzija, allura tali hsara ma ghandhix necessarjament tigi attribwita ghal xi nuqqas jew azzjoni kommessa mis-socjetajiet konvenuti, u jghamlu referenza ghall-possibilita' illi tali hsara hija konsegwenza ta' stivar zbaljat li sar tal-merkanzija li wassal sabiex din iggarrfet waqt it-traggitt taghha lejn Malta.

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi meta l-agent tas-socjeta' konvenuta ghabba l-merkanzija mill-post ta' origini tieghu, u cioe' minn Petersbach, ma deher li kien hemm ebda problemi in rigward il-merkanzija, u f'dak il-waqt, din il-merkanzija kienet ghadha intatta. Illi mill-provi rrizulta wkoll illi tnax (12) minn dawn il-pallets thattew f' mahzen fi Strasbourg, u l-kumplament tal-merkanzija kompliet tipprocedi lejn Malta. Illi ghalkemm ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta jsostni illi kien hemm ftehim mad-direttur tas-socjeta' P Cutajar Co Ltd sabiex tali konsenja tinqasam fi tnejn, madanakollu, ma tressqet ebda prova in rigward, u mill-atti jirrizultaw biss l-istruzzjonijiet li d-direttur tas-socjeta' konvenuta ta lill-agent tieghu barra minn Malta sabiex dan isir. Illi ghalhekk kwalunkwe hsara li li setghet irrizultat konsegwenza ta' tali decizjoni - u dan peress illi l-merkanzija kellha tigi rimossa mit-trailer biex tinhatt fil-mahzen fi Strasbourg, u imbaghad terga' titghabba biex tipprosegwi lejn Malta, u ghalhekk giet esposta ghal aktar *handling* minn dak intiz originarjament - ghandha tigi addossata lis-socjeta' konvenuta. Illi in rigward l-ewwel konsenja, il-hsara fil-merkanzija giet innotata meta l-merkanzija waslet fl-imhazen ta' P Cutajar Co Ltd, tant illi sar annotament in rigward fuq id-*delivery note* relattiva. Illi dwar it-tieni konsenja, jidher illi l-hsara fil-merkanzija grat f'xi stadju bejn Strasbourg u Carpi, ghaliex il-burdnar nnota din il-hsara – u gharraf lill-agent dwarha – fit-28 ta' Lulju 2010 (vide e-mail a fol.95 tal-atti), u impjegata fi hdan is-socjeta' konvenuta giet informata wkoll dwar dan.

Illi gialadarba s-socjeta' konvenuta GMC Transport Company Limited accettat l-inkarigu mghoti lilha mis-socjeta' P Cutajar Co Ltd li tittrasporta u tikkonsenja din il-merkanzija, u jidher li din l-istess socjeta' inkarigat lis-socjeta' konvenuta l-ohra S & T Services Limited sabiex twassal tali merkanzija fl-imhazen tal-klijent taghha meta din waslet hawn Malta, u gialadarba s-socjetajiet konvenuti ma ressqu ebda provi dwar cirkostanzi li setghu wasslu sabiex jigu skolpati u mehlusa mir-responsabilita' taghom illi jaccertaw illi tali merkanzija tigi kkonsenjata fi stat tajjeb u shih ghand id-destinatarju, allura necessarjament isegwi illi tali socjetajiet konvenuti ghandhom jigu ritenuti responsabbli ghall-hsara li

rrizultat fil-merkanzija in kwistjoni, u konsegwentement ghandhom ihallsu d-danni reklamati mis-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjetajiet konvenuti, jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jordna lis-socjetajiet konvenuti, solidalment bejniethom, ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija tnejn u ghoxrin Euro u wiehed u sittin centezmu (€ 722.61), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba.

L-ispejjez jkunu a karigu tas-socjetajiet konvenuti.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------